10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 24**

**4 ta' Awwissu 2025**

Il-laqgħa numru 24 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar l-4 ta' Awwissu 2025 fil-17.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Joe Vella

Is-Sur Stephen Sultana

Is-Sur Karl Carabott

Is-Sa Roberta Sultana

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3**):

Is-Sur Darren Grech

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Tiffany Abela — Segretarju Eżekuttiv

Is-Sa Lorna Sultana — Accountant

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

## 1 Qari tal-ittri t'apoloġija

F'din il-laqgħa kien hemm ittra ta' apoloġija waħda tas-Sur Darren Grech.

## 2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

F'din il-laqgħa ġew approvati l-minuti tal-laqgħa 23 b'dawn il-korrezzjonijiet:

F'punt numru 2 il-kelma *refernza* trid tiġi *referenza*.

F'punt numru 4 l-ewwel linja kellha tiżdied il-kelma re-union u legae tinkiteb b'mod korret lega. Iktar l-isfel fin-nota tal-ombudsman il-kelma *ikonċernati* kellha tiġi *ikkonċernati* u fil-punt li jitkellem fuq il-ktieb kellha tiżdied il-frażi *karmelitani li ħadmu fil-parroċċa ta' Santa Venera.* Fuq l-isleeping police kellha tiżdied il-frażi *Ta' Triq Brighella ma' Triq il-Lunzjata.* Iktar l-isfel fit-3 paragrafu kellha tiddaħħal il-frażi *Triq Reġjonali bejn.*

F'paġna 5 it-tieni linja kella tiżdied il-frażi *u l-anzjani* bejn lit-tfal u fi żmien. Fit-3 paragrafu kien hemm nieqes il-kelma *ikun*

F'paġna 8 it-tieni linja, il-kelma jaddotta kellha tinbidel għal imexxi.

CCTV - Is-sindku informa li l-arblu ta' Triq San Gorg ser ikun qed isir fil-ġimgħa li ġejja.

Ombudsman – is-sindku informa li id-DYL saru. Joe saqsa kif kien hemm din id-diverġenza meta sindku kien informa li fil-laqgħa l-partijiet kienu aċċettaw kaxxa safra. Is-sindku wieġeb li lanqas hu ma fehem u filfatt is-Segretraju hekk irrispondit lil Ombudsman.

Ktieb – Dan kien inħareġ u qed jitqassam lin-nies

Sleeping police – trid tinħareġ l-ittra għar-residenti

IM – is-sindku informa li l-IM iddedikat unit ġdid għal kunsilli u Sindku u l-ES għandom meeting pjanat magħhom.

Festa – Silvio qal li fuq il-festin tal-festa jixtieq li għal sena oħra il-kunsill jikkunsidra li jiġu mistiedna l-ex kunsilliera

SV lightnings – il-bollards ser isiru bil-konfera tal-kumitat

**3. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti 435A, 435B u petty Cash**

Is-Segretarja preżentat din l-iskeda li kienet tax-xahar ta' qabel u kienet diġà proposta minn Silvio. Ħadd ma sekonda din l-iskeda

**4. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti 436A, 436B u petty Cash**

Is-Segretarja preżentat din l-iskeda tal-pagamenti. Joe saqsa fuq x'kien il-pagament 1627 u segretarju wieġbet li dan kien it-tindif tal-monumenti tal-ewwel kunsill kif ukoll tal-gwerra. Joe saqsa ukoll fuq 1649 u segretarju wieġbet li dan kien ir-rapport li kien talab il-kunsill minħabba l-bus shelter. Il-Kunsill saqsa sabiex dan ir-rapport jinkludi għala l-perit ma ridx jiċċertifika dan il-bus shelter.

Joe saqsa ukoll fuq pagament 1666 u sindku spjega li dan il-pagament kien jinkludi affarijiet li ma kienux qed ilaħħqu jagħmlu l-maintenance tal-kunsill bħal żebgħa, twaħil ta' mirja eċċ. Bħal dan kien hemm ukoll il-pagament ta 1698 u 1713. Fuq pagament 1675, is-segretarju wieġbet li dan kien il-pagament għat-tiswija tal-ġebel għal monument. Joe saqsa ukoll fuq pagament 1724 u 1725. Is-Segretarju spjegat li dawn kienu żewġ pagamenti differenti minħabba li l-bollards kienu differenti. Joe qal li kien qed jara l-pagament 1726 naqra għoli. Is-Segretarju spjegat li kienu nġiebu 3 kotazzjonijiet u din kienet l-irħas.

Silvio biss iffirma din l-iskeda tal-pagamenti.

**5. Komunikazzjoni mis-Sindku**

a) **Data għal-attivita tal-Milied 2025** – Is-Sindku propona dati 12,13,14 Diċembru għal din l-attivita. Kien hemm qbil sakemm ikun hemm ukoll nies li jamlu l-Presepju Ħaj.

b) **Attivita fil-ġnien flimkien mal-girlguides flok Festa Tfal 2025 –** Is-Sindku saqsa lis-segretarju tispjega dan l-item. Is-Segretarju qalet li wara li ma saritx Festa Tfal 2025 minħabba problemi loġistiċi l-aktar li ma instagħabx post adegwat, il-girlguides ħarġu bi proposta li ssir Movie night fil-ġnien. Hekk il-kunsill jaċċetta l-attivita kienet ser issir fit 29 ta Awwissu filgħaxija. Il-girlguides kienu ser jieħdu ħsieb il-projector u l-iscreen kif ukoll il-film, mentri l-kunsill kien ser jipprovdi slushie u candy floss area. Il-kunsill kien ser jipprova jġib water stations b'xejn mingħand id-dipartiment tal-ambjent. Fuq dan kien hemm qbil.

c) **Ġimgħa Santa Venera –** Is-Sindku qed jipproponi dan li ġej bħala attivitajiet għal ġimgħa Santa Venera.

- 9 ta' Novembru – Parata għal jum ta' Tifkira tal-gwerra, u SlowStreets fi Triq il-Kbira San Gużepp permezz ta' ħafna logħob għal familja kollha
- 10 ta' Novembru – Preżentazzjoni ta' ktieb tat-tpinġija għat-tfal bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill tat-tfal
- 11 ta' Novembru - Jum l-Anzjani
- 12 ta' Novembru – Laqgħa Generali Annwali
- 13 ta' Novembru – Jum iż-Żgħażagħ
- 14 ta' Novembru – Festa Tfal filogħdu u ċelebrazzjoni tal-festa filgħaxija li tinkludi l-premjazzjoni tal-Ġieħ u l-Mertu Santa Venera

d) **Ġej il-Babaw –** Is-Sindku qal li qed jissuġġerixxi li għal darb'oħra terġa' tiġi organizzata l-attivita tal-Halloween fil-ġnien flimkien mal-iscouts. Hu kien qed jissuġġerixxi li l-format jibqa' l-istess ħlief li jitkabbar ftit il-food court sabiex ikun hemm aktar post.

e) **Skema -** is-sindku informa li l-Għaqda tan-nar kienet daħlet proposta għal iskema festa li kien ħareġ il-kunsill. Din ġiet approvata

f) **Konsultazzjoni fi Triq il-Parroċċa** – is-sindku qara it-tweġibiet li daħlu l-kunsill fuq it-tibdil tad-direzzjoni tat-triq. Kien hemm qbil li direzzjoni tat-triq iddur u għalhekk kienu ser jiġu infurmati TM.

g) **Quarterly Financial Q2 –** is-Sindku saqsa lil-accountant sabiex tgħati rendikont fuq il-finanzji għal-ewwel nofs tas-sena. Hi qalet li l-income kien mal-budget imma kien hemm telf ta' 42K li kien ġej minn spejjeż ta' road markings, Publications u adverts, u street Maintenance. L-FSI kienet 6% li kien inqas minn dak li permessibli ta' 10%

**h) Risposta minn TM lil E Grech Cristal Bath Ltd** – Tm kienu rrispondew lil E Grech Cristal Bath Ltd fuq l-MC Bay permezz tal-avukat tagħhom fejn dawn spjegaw li l-MC bay qiegħda skond il-liġi.

**i) Talba minn Casa Francesco għal zebra crossing -** is-Sindku spjega li saret talba minn Casa Francesca għal zebra crossing fi Triq il-Kbira San Guzepp. Din ser tiġi mresqa lil TM.

**j) Talba mill-iscouts –** is-sindku informa li kellhu talba mill-iscouts sabiex jużaw il-Ġnien għal-attivita' tagħhom. Fuq dan ma kienx hemm oġġezzjoni

k) **Banda Festa Tfal –** Is-sindku informa li l-banda tal-lokal bgħatet email sabiex turi l-interess tagħha li tgħamel il-marċ tal-iskola waqt festa tfal. Is-Sindku qal li dan il-marċ beda fl-2019, meta ġiet mistiedna l-Banda Santa Venera. Kienet l-istess Banda li rrakkomandatilna nikkuntattjaw persuna li jipprovdi bandisti biex jingħaqdu mal-banda.

Aktar tard matul is-snin, il-Kunsill Lokali qabad lit-Tikka Banda, peress li l-Banda Santa Venera ma baqgħetx lesta tieħu sehem. Dan minħabba l-impenn tax-xogħol tal-bandisti u l-fatt li ma kienx jiswielhom tajjeb.

Sena ilu, wara li l-banda irrifjutat li tagħmel dan is-servizz, il-Kunsill Lokali għażel lis-Surmast Adrian Sciberras, peress li huwa Vendriż, u huwa importanti li l-Kunsill Lokali

jagħraf u japprezza t-talenti lokali. Għalhekk, qed jipproponi li wkoll għas-snin li ġejjin, is-Surmast Sciberras imexxi dan il-marċ. Liema marċ ġew frankati mijiet ta' flus. Barra minn hekk, il-Banda Santa Venera għandha numru ta' servizzi matul is-sena, li huma wkoll iffinanzjati mill-Kunsill Lokali – fosthom hemm il-ħsieb li tieħu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum Santa Venera**.** Karl qal li l-proposta tal-banda għanda tiġi aċċettata għax il-kunsill ikun qed jgħati opportunita. Tal-istess fehema kienu Roberta, Joe, u Silvio u anke Steph. Fuq dan ittieħed vot. Voti favur li l-banda toffri dan is-servizz – 5, Voti Kontra 1

**l)** **Risposta minn SV lightnings** – is-Sindku qal li l-kumitat ta' SV Lightnings kienu irrispondew u ikkonfermaw li xogħol tal-bollards jista' jibda.

**m)** **Tiktok accounts –** is-sindku qal li l-kunsill tat-tfal xtaq li jgħamel tiktok accounts sabiex ikun jista' jwassal il-messaġġ tiegħu aħjar. Dan ser ikun *monitored* mill-mentors.

**6. John Borg**

Is-Sindku qal li bħalma kien informa l-kunsill permezz ta' email il-ħaddiem tal-id is-Sur John Borg kien imwaqqaf minħabba attitudni ħażina waqt ix-xogħol. Hu reġa' kellem lis-sindku ħażin, b'ħafna għajjat u kliem mhux xieraq u theddid waqt il-ħin tax-xogħol u quddiem ħaddiema oħra. Is-sindku qal li kien hemm ħafna affarijiet oħra fuq l-imġieba ta' dan il-ħaddiem fil-fatt kien ingħata it-3 warning. Għaldaqstant hu kien ta' l-opinjoni tiegħu fuq dan il-każ u xtaq jissospendi l-laqgħa sabiex is-Sur Borġ jgħatti l-opinjoni tiegħu.

Hawnhekk il-laqgħa ġiet sospiża.

Wara li nstemgħet il-verżjoni tas-Sur Borġ is-Sindku saqsa lil-kunsilliera sabiex jgħatu l-kummenti tagħhom. Il-kunsill iddeċieda li l-kunsill isaqsi lid-Dipartiment għal bord indipendenti sabiex jiddeċidi hekk is-Sur Borġ għandux jitwaqqaf jew jingħata xi tip ta' trattament ieħor.

## 7. IBins

Is-sindku spjega li għandu meeting pjanat magħhom sabiex il-proposti tal-kunsill jerġgħu jiġu diskussa.

Hawnhekk Roberta skużat ruħa li kellha titlaq għax kellha inpenji oħra.

## 8. Proposta minn TVM

Is-Sindku spjega li l-kunsill irċieva proposta għal programm tat-televiżjoni ġdid fejn il-kunsill ikun qed jorganizza xi logħob u attivitajiet għal kulħadd u dan jiġi ikorporat fil-programm li jinkludi ukoll il-quddies. Il-Kunsill qabel li ssir proposta għad-9 ta' Novembru.

## 9. Transport Malta

Il-kunsill irċieva talba mingħand TM għal personalised blue badge. Din ġiet aġġrovata. Is-Sindku spjega ukoll li l-kunsill kien irċieva talba fuq parking bay vicin hafna tal-garaxx tieghi 47, Triq Emm Attard, Sta Venera. Din l-applikazzjoni ser tgħaddi għand Raphael sabiex jivverifika.

Hawnhekk talab li jkun skużat Stephen.

## 10. Ilmenti

a. Triq il-kukkanja issir one way? – l-aħjar li ssir konsultazjoni

b. Ser isiru

c. Rotta 64 – Ser nikkuntatjaw lil TM

d. Era u lifter – f'idejn Raphael

e.

f. Jb, Berga, Ambjent

g. Respect neighbourhood – ok ser issir

h. Ubar - ser jiċċekja Raphael

i. Raphael

j. Ritratti

k. Laqgħa li jmiss

l. Raphael

m. ritratti u jintbgħatu lil public works

n ok

## 11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-1 ta’ Settembru fil-17.00 fil-binja tal-kunsill.

Is-Sindku semma li f'punt 2.1 fil-laqgħa 21 xtaq iżid bħala mistiedna lit-tfal. Karl issuġġerixxa li jkun hemm consent forms, peress li għadhom taħt l-eta. L-invit kien ser jintbgħat għal żewġt persuni u allura seta jiġi xi ħadd kbir magħhom. Għalhekk ġie deċiż li ma kienx hemm għalfejn.

Is-Sindku informa ukoll li b'referenza għal laqgħa 22, l-avukat informa lil-kuntrattur u s'issa ma għandix risposta.

Hawnhekk daħal Silvio.

**3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti 434, u Petty Cash**

Joe saqsa fuq item 1552. Is-Segretarja qalet li kienet ser tiċċekkja u tibgħat email lura.

Joe saqsa ukoll fuq item 1584 – is-somma indikata kien hemm depożitu tas-somma li ħallsu l-anzjani. Il-kunsill ħallas biss Euro 4 fuq kull persuna għal attivita' kollha.

**4 Kommunikazzjoni mis-sindku**

Skemi - Is-Sindku informa li daħlet skema mingħand il-fondazzjoni wirt vendriz sabiex issir ir-tal-legae. Joe u Silvio iddikjaraw konflitt ta' interess u astjenew. Is-sindku, Roberta u Karl ivvutaw favur. Is-Sindku informa ukoll li l-KFE qed tapplika għal skema festa għal kiri ta' high up għas-somma ta' Euro 1000. Dan kien approvat mill-kunsilliera kollha. Is-sindku informa ukoll li l-kunsill irċieva applikazzjoni minn-naħa tal-Banda ta' Santa Venera fejn dawn qed japplikaw l-iskema għal Lejla Vendriża. Il-kunsill approva somma ta' Euro 1000.

CCTV Triq San Ġorġ – Is-Sindku informa li kien qed isir ħafna abbuż ta' rimi ta' skart f'din it-triq u għalhekk kien qed jissuġġerixxi li titpoġġa kamera. Karl qal li l-aħħar kamera li ġiet approvata dak kien l-iskop tagħha. Is-sindku qabel u qal li l-unika biża' hi li hekk

din il-kamera tiċċaqlaq jerġa' jibda l-abbuż u nkunu solvejna naħa u tlifna oħra. Għalhekk il-kunsill qabel li jinġiebu l-kwotazzjonijiet sabiex din tiċċaqlaq fuq arblu ġdid.

Ittra lid-dipartiment - Is-Sindku informa li s-segretarja bagħtet email lid-dipartiment sabiex l-inkonvenjent li qed toħloq il-binja tal-kunsill preżenti. Fost il-problemi elenkat is-segretarja kien hemm li ma kienx hemm tieqa fil-post fejn jopera l-kunsill, ma kienx hemm fire exit, u li l-kunsill ma kienx aċċessibbli fost oħrajn.

Ombudsman - Is-Sindku informa li l-kunsill irċieva ittra mingħand l-ombudsman fuq il-garaxxijiet ta' Triq Brighella. Is-sindku spjega li kien sorpriż li irċieva din l-ittra għax kien laqqa' lil-persuni inkonċernati u dawn kienu qablu għal kaxxa safra quddiem il-garaxxijiet.

Ktieb - Is-Sindku informa li rċieva talba għal iffinanzjar ta' ktieb fuq il-patrijiet tal-lokal. Dan ġie approvat. Is-Sindku saqsa lis-SE sabiex tispjega fuq dak li kienet qed tipproponi l-accountant. Is-SE spjegat li l-accountant qed tipproponi adjustments fuq posts li ilhom ħafna u li l-invoices tagħhom ma nstabux. Dawn probabbilment kienu żbalji fis-SAGE jew xi double postings għax qatt ma kien hemm statements jew Suppliers li saqsew għal payment. Għaldaqstant il-kunsill qabel li postings ta' dawn it-tip jitneħħew u jitħallew sa 2023 biss.

Sleeping Police - Is-Sindku spjega li rċieva mingħand resident sabiex issir sleeping police. Ser tintbgħat ittra lin-nies sabiex inkunu nafu l-oppinjoni tan- nies, u hekk jaċċettaw ir-residenti imexxu ma' TM.

Joe Saqsa fuq il-bini li qed isir fl-iskola. Is-Sindku wieġeb li din kienet substation għal blokka li tiela' faċċata. Is-Sindku qal ukoll li l-kunsill irċieva komunikazzjoni li l-Enemalta ser tibda xogħolijiet fi Triq Reġjonali, Triq Qalb imqaddsa u l-inħawi. Dawn ġew infurmati li l-kunsill qed jaħdem mal-public works fuq xi proġett fl-istess inħawi.

Stephen saqsa fuq Triq San Ġorġ? Is-Sindku qal li ma semgħa xejn. Joe qal li hu kiteb fuq in-naħa l-oħra ta' Triq il-Fanali u Misraħ il-Barrieri għax qatt ma saret. Is-Sindku informa li kienet inbidlet il-lista tal-prijoritajiet u Triq San Ġorġ, Triq is-Soll u l-Istitut Bonniċi jiġu l-fuq. Hu qal ukoll li is-sindku u l-ES kellhom laqgħa ma l-IM li ħadmu Triq il-Kbira San Gużepp sabiex jingħalaq il-proġett. F'din il-laqgħa ġew diskussi l-gutters tas-siġar, il-fanali li mhemmx trinka għalihom, il-kurduni mkissrin u il-build-outs fost l-oħrajn.

Festa - Is-Sindku informa li hu qed jissuġġerixxi li terġa' issir Festa Tfal. L-unika data li instabet hi dik ta' 19 ta' Lulju. Minħabba sħana is-sindku kien qed jissuġġerixxi li ssir f'Aġenzija Żgħażagħ għal arja kundizzjonata. Kull għaqda tal-festa tingħata l-opportunita li titkellem għal 3 minuti u tkun tista' tispjega dak li tagħmel hi. Ser jingħataw ukoll bnadar żgħar.

Flimkien mal-kunsill tat-tfal is-sindku qed jissuġġerixxi li jinħarġu postcards magħżulin mit-tfal stess u maħdumin bl-AI fuq il-festa ta' SV. Fuq wara nagħmlu l-innijiet tal-festa tal-lokal. L-innu tan-nar għadu mhux lest u għalhekk mhux ser ikun inkluż. Fuq dan kien hemm qbil.

Is-Sindku kien qed jissuġġerixxi li jsiru keychains tal-injam għat-tfal u l-anzjani sabiex jitqassmu lit-tfal fi żmien il-festa. Fuq dan kien hemm qbil.

Is-Sindku qal li festa Anzjani ser issir nhar it-23 ta' Lulju b'quddies fil-knisja u mbagħad party żgħir fis-sagristijja. Ser ikollhom vjolin sabiex jallegraw. Kien hemm taħdit ukoll sabiex jinfetaħ Apap Institute imma l-isqof ma jridx. Is-Sindku qal li anke għal parking ma ridx li jinfetaħ.

Is-Sindku informa ukoll li kien qed jissuġġerixxi sabiex isir bħas-sena l-oħra u jinġibdu xi filmati u ritratti fi żmien il-festa dan sabiex jikber l-arkivju kif ukoll jitqassmu lil-għaqdit. Fuq dan kien hemm qbil.

Apap Institute - Is-Sindku qal ukoll li hu kellu laqgħa mal-isqof fuq Apap Institute li kien ilu ġej Jannar. Apap institute l-isqof spjega li kien ser ċentru mediku mhux invasiv. Is-Sindku informa ukoll li fil-laqgħa annwali tas-soċjeta filarmonika ta' Santa Venera dawn ħabbru li kienu ingħataw mill-kurja biċċa art minn Apap institute sabiex isservi bħala bitħa.

Is-sindku informa li fil-festa kienu ser jiġu mgħaluqa xi toroq. Fi 12, 15, 18 u 29 il-karozzi tal-linja ser jgħaddu minn Triq il-Ferrovija. Filwaqt li l-uffiċjali tal-lesa ser ikunu fuq il-post fir-rush hours it-triq se tingħalaq bil-barriers u l-bollards. Kien ser ikun hemm aċċess għar-residenti minn Triq Qalb Imqaddsa li kienet ser tiġi 2 ways għar-residenti biss. Nhar il-ħruġ min-niċċa Triq il-Kbira San Gużepp kienet ser tingħalaq mis-18.00 sa nofs il-lejl. L-Erbgħa tal-festa kienet ser tingħalaq mill-nofsinhar u tinfetaħ it-Tnejn ta' wara fl-0400. Kien ser ikun hemm il-parkeġġi ta' Triq Braille, Triq Qormi, Triq il-Ħaddied kif ukoll Triq il-Paroċċa miftuħa. Is-Sindku informa ukoll li l-festa kienet ser tinħadem minn Sup Godwin Scerri u li kienu ser jintbgħatu ittri lin-negozji u residenti sabiex jiġu infurmati bit-tibdil tat-traffiku. Triq San Ġorġ quddiem il-mużew ser issir 2 ways minn nhar l-Erbgħa sal-Ħadd. Ser ikunu qed jiġu nfurmati residenti permezz ta' ittra.

Il-Ħasil fil-festa ser isir mis-CMD imma sindku qed jissuġerixxi li tinħsel Triq il-Kbira qabel il-festa. Fuq dan kien hemm qbil.

Joe saqsa fuq il-messaġġ li ntbagħat li fuq il-bollards ta' ħdejn il-każin tal-football. Is-Sindku qal li meta l-kuntrattur mar fuq il-post sabiex jgħamel il-bollards, dan ġie mwaqqaf mill-barman minħabba l-bar tal-festa. Roberta saqsiet hekk ux huma riedu l-bollards u sindku wieġeb li huma riedu barriers sabiex iwaħħlu riklami magħhom imma l-barriers ma kienux sodi għal xi daqqa.

Hawnhekk daħal Stephen.

Roberta kompliet li hekk dawn għanda bżonnhom għas-safety tan-nies, x'ħa jiġri hekk isir aċċident? Silvio issuġġerixxa li ninfurmaw lil-kumitat. Roberta qablet u kompliet li għanda tintbagħat ittra. Fuq dan kien hemm qbil.

**5. Ġieħ Santa Venera**

Is-Sindku saqsa lill-SE sabiex tispjega id-dokument li intbagħat. Is-SE spjegat li fuq suġġeriment tal-kunsill lokali, il-bord ta' Ġieħ Santa Venera qed jissuġġerixxi li regoli għal Ġieħ u Mertu Santa Venera jinbidlu skond dan id-dokument il-ġdid. Joe qal li hu kien jaqbel però kien jissuġġerixxi li l-ftuħ tan-nominazzjonijiet isiru fl-1 ta' Awwissu u mhux fi żmien il-festa.

**6. Bord**

Is-Sindku issuġġerixxa li l-bord għal Ġieħ Santa Venera jibqa' l-istess.

**7. Tenders**

Is-Sindku saqsa lill-SE sabiex tispjega dan l-item. L-SE qalet li kien hemm ħafna tenders magħluqin fosthom:

- Perit
- Street Markings
- Handyman
- Contracts Manager
- Ġardinar
- Day Centre Lease
- Day Centre Transport
- Street Lighting

U għalhekk kien jeħtieġ li jerġgħu jinħarġu dawn it-tenders sabiex il-kunsill ikun jista' jopera skond il-liġi. Fuq dan kien hemm qbil mill-kunsilliera kollha.

**8 Ibins**

Is-Sindku qal li peress li l-aħħar siti li ġew proposti ma ġewx aċċettati hu kien qed jissuġġerixxi li dawn jiċċaqalqu għal ftit aktar l-isfel. Karl qal li hu kien qed jissuġġerixxi Triq il-Ferrovija faċċata ta' Buġeja. Is-Sindku qal li kien ser ikun hemm problema ħabba residenti. Stephen issuġġerixxa ħdejn il-MITA naħa tal-Phoenix. Roberta qalet li ma jgħamilx sens li jkun hemm 2 ħdejn xulxin għax ir-resident ma jinqedix ukoll. Għalhekk il-kunsilliera intalbu jieħdu vot hekk tiġix issuġerita is-sit li qal Stephen.

Is-Sindku ma qabilx u il-kunsilliera l-oħra qablu

9 Mozzjoni - **Studju dwar il-Kapaċità ta' Tolleranza ta' L-Iżvilupp – '*Carrying Capacity*'**

Is-Sindku stieden lil Karl sabiex jispjega din il-mozzjoni. Karl qara l-mozzjoni u spjega li dan qed isir sabiex il-lokal ikollu pjanar fit-tul. Joe qara xi punti fuq it-tajjeb ta' din il-mozzjoni li qed jiġu annessi ma' dawn il-minuti. Is-Sindku qal li hu ma jaqbilx ma din il-mozzjoni u elenka diversi punti li wkoll qed jiġu annessi ma' dawn il-minuti. Karl sostna li din il-mozzjoni hi l-mod sabiex bħala kunsill nimxu l-quddiem u jkollna pjanar effettiv u ta' sustanza li jħares il-bogħod minn crisis management. Għaldaqstant il-kunsill intalab jieħu vot fuq hekk il-kunsill għandux jaddotta din il-mozzjoni jew le.

Voti favur 3,

Voti Kontra 3

U għalhekk is-sindku uża l-casting vote tiegħu li kien kontra.

**10 Mistoqsija lis-Sindku**

Is-Sindku qal li Karl kellu mistoqsija li kienet aktar indirizzata għas-segretarju għax hi kienet tieħu ħsieb l-amministrazzjoni. Karl saqsa hekk:

*Hekk kif għaddiet l-ewwel sena ta' din il-leġiżlatura, nixtieq nitlob li jiġi pprovdut rapport dwar l-attendenza tal-kunsilliera kollha għall-laqgħat tal-Kunsill matul dan il-perjodu.*

*Inkun grat jekk dan ir-rapport jinkludi:*

1. *Il-ħin eżatt (f'minuti) li attenda kull kunsillier;*
2. *Il-persentaġġ ta' attendenza fuq it-total ta' ħin tal-laqgħat li saru.*

*Dan l-eżerċizzju huwa importanti biex tinżamm it-trasparenza u r-responsabbiltà fix-xogħol tal-Kunsill.*

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat dan ir-rapport li koppja tiegħu qed tiġi annessa ma dawn il-minuti.

Joe ukoll preżenta l-mistoqsija tiegħu li kienet:
*Wara li sar vandalizmu fil-latrina publika ta' triq il-Kbira San Guzepp u li dan huwa kundannabli u ghalhekk ittiehdet decizjoni sabiex giet maghluqa, jista s-Sindku jinforma jekk il-kuntratt li hemm mall-kuntrattur giex itterminat u b'lima kundizzjonijiet.*

Is-Segretarju informat li l-kuntrattur ġie l-uffiċju sabiex jiġbor il-kontijiet tad-dawl u l-ilma u ġie infurmat verbalment li alissa l-latrina mhux ser tinfetaħ u li kienet ser tiġi tranġata minn 2 skemi li ħareġ id-diviżjoni tal-gvern lokali. Kif jibdew jinħareġ it-tender ta' manutenzjoni għaż-żewġ latrini.

**11. Talba minn Hospice Malta**

Is-Sindku qal li l-kunsill kellu talba mingħand il-Hospice għal diversi tabelli sabiex jindikaw fejn qiegħed il-Hospice. Is-Sindku wera ukoll ritratt ta' kif il-Hospice qed jipproponu ta' kif ser isiru it-tabelli. Fuq dan kien hemm approvazzjoni.

**12. Triq Kanonku Bonniċi**

Is-Sindku saqsa lir-Roberta sabiex tispjega aħjar din l-item. Roberta qalet li l-istess persuna li riedet id-DYL għamlet il-bollards quddiem il-bieb tagħha u dawn tneħħew. Is-Sindku spjega li din il-persuna għamlet anke għal-ħaddiema tal-kunsill meta dawn marru jagħamlu xogħolom. Stephen qal li hu jaqbel mad-deċiżjoni li jitneħħew it-tabelli ta' *except for garage owners.* Roberta saqsiet hekk il-kunisll jikkunsidrax ineħħi t-tabella tal-one way. Is-Sindku wieġeb li dawn it-tabelli ma qabadx u waħħalhom il-kunsill. Kien hemm konsultazzjoni sħiħa kemm

mar-residenti kif ukoll mal-periti u TM għalhekk iħoss li m'għandu jinbidel xejn minn din is-sistema għax qegħda tħalli l-frott.

Hawnhekk Roberta skużat ruħa u telqet għal xi 20.13

**13 Ilmenti**

1. Ilment fuq email ta' Stephen – ser isir konkox fi Trejqa tal-ferrovija fuq ir-ritratti li bagħat stephen.
2. Ilment mingħand Stephen sabiex jonqsu liji sofor ħdejn garaxx 2 Triq il-Parilja – ser isir
3. Ilment mingħand Joe – talba għal DYL Misraħ il-Barrier – qed nistennew il-kuntrattur
4. Refresh ta DYL – Triq Carini ser isir
5. Refresh Wheelchair Bay – Triq Piertu Dacoutros – ser issir
6. Tranġar tal-bankina Triq Galanton Vassallo – ser issir talba lil public works

Il-laqgħa ġiet fi tmiena għal ħabta ta 20.20. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-4 ta' Awwissu fil-17.00.